# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-Tlieta,**
**Sbatax (17) ta' Ġunju 2025**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 857/2025**

**Birgu Regatta Klabb**

**Vs**

**(1) L-Awtorita' għall-Integrita' fl-Isport Malti,**
**(2) L-Organizazzjoni Nazzjonali tal-Anti Doping,**
**(3) Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif ieħor**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat permezz ta' rikors fid-29 ta' Mejju 2025 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti twaqqaf lill-intimati milli:

    *Jieħdu xi azzjoni li jitnaqqsu l-punti mit-total ta' punti li l-Klabb tar-Regatta tal-Birgu rebħu fil-kompetizzjoni tat-tiġrijiet tar-regatta, liema attivita' sportiva saret nhar it-8 ta' Settembru 2024, u dan skond deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' nhar it-13 ta' Jannar 2025, konfermata minn National Anti-Doping Appeals Panel nhar it-23 ta' Mejju 2025.*

2. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebita mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

3. Rat illi fid-29 ta' Mejju 2025, il-Qorti laqgħet il-Mandat provviżorjament u appuntatu għas-smigħ għal-11 ta' Ġunju 2025.

4. Rat ir-risposta ta' l-intimat Għaqda Regatta Razzjonali u Qdif Ieħor, ippreżentata fis-6 ta' Ġunju 2025, fejn irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni finali tal-Qorti.

5. Rat ir-risposta ta' l-intmati L-Awtorita' għall-Integrita' fl-Isport Malti u L-Organizazzjoni Nazzjonali tal-Anti Doping, ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2025, fejn

huma oġġezzjonaw għal tali talba, stante illi saħqu illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' u tal-Appeal's Panel kienet waħda ġusta u leġittima, w il-proċedura odjerna kienet intiża biss sabiex tiddelunga l-proċess mingħajr bżonn.

6. Semgħet it-trattazzjoni fit-tul ta' l-abbli difensuri tal-partijiet fil-11 ta' Ġunju 2025, wara liema trattazzjoni l-Mandat ġie differit għal-lum għal digriet finali.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

7. Il-Qorti tqis illi qabel ma tinoltra ruħha aktar fil-meritu tal-Mandat, fuq bażi *prima facie*, ikun opportun illi jiġu meqjusa l-aspetti legali li jirrigwardaw l-azzjoni odjerna.

8. Jirriżulta, di fatti, illi a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

9. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

10. Jirriżulta illi fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ il-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-*digriet finali *fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*
>
> > *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal*

*kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef:*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-*

*rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**<u>Konsiderazzjonijiet Fattwali</u>**

11. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-ilment mressaq quddiem dina l-Qorti, u li wassal għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, hija deċizjoni tal-Awtorita' tal-Integrita' fl-Isport, mogħtija fit-13 ta' Jannar 2025, sussegwentement ikkonfermata minn National Anti-Doping Appeals Panel fit-23 ta' Mejju 2025.

12. Jirriżulta illi, fit-13 ta' Jannar 2025, permezz ta' deċiżjoni tagħha, l-Awtorita' sabet qaddief li kkompeta għall-Birgu Regatta Klabb fit-tlielaq tar-Regatta tat-8 ta' Settembru 2024, ossija Nigel Sant, <u>fuq ammissjoni tiegħu</u>, li kien kien qed itellaq taħt l-effetti tad-droga cocaina, liema droga hija meqjusa bħala sustanza projbita u għalhekk mhux permessibbli fl-isport, u għalhekk skwalifikatu milli jtellaq għal tlett snin minn dakinhar illi ġie skwalifikat fuq bażi provviżorja, ossija 16 ta' Ottubru 2024.

13. Jirriżulta wkoll illi, permezz ta' tali deċiżjoni, l-Awtorita' qieset illi t-tellieqa illi pparteċipa fiha Nigel Sant għall-Birgu Regatta Klabb kellha titqies bħala "*individual sport*" u mhux bħala "*team sport*" u għalhekk ordnat l-iskwalifika ta' kwalsiasi riżultat ottenut mill-istess Birgu Regatta Klabb fejn kien qiegħed jipparteċipa Nigel Sant, liema tnaqqis kellu jsir mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif ieħor, illi kienet responsabbli mill-organizzazzjoni tar-Regatta tat-8 ta' Settembru 2024.

14. Jirriżulta illi l-Bord tal-Appell sussegwentement sema l-appell tal-Birgu Regatta Klabb ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2025, u permezz ta' deċiżjoni datata 23 ta' Mejju 2025, ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Awtorita'.

15. Jirriżulta illi l-Bord ikkunsidra l-ilment tal-Birgu Regatta Klabb, fosthom illi ma kinux instemgħu waqt il-proċeduri quddiem l-Awtorita', u dwar dan kellha dan xi tgħid:

> *Whereas the first grievance of the appellant is that the Disciplinary Panel failed to take submissions by the appellant club before said sanctions were imposed, alleging a breach of the audi alteram partem principal.*
>
> *The Panel considers that, whilst the appellant club was not afforded the right to file submission in the context of the original case against Mr Nigel Sant, due to the fact that Mr Sant had waived their right for a hearing, the appellant club nonetheless had other legal means by which to bring forward their case, such as in front of this Panel.*
>
> *The appellant club also had the option to challenge the sanction imposed in front of the Court of Arbitration for Sport. Thus, the appellant club had the option of initiating fresh proceedings to challenge the sanction, and state their case, as stated in the case of Ahongalu Fusimalohi v FIFA (CAS 2011/A/2425):*
>
> > *"Any procedural defect of the previous disciplinary process is cured by virtue of the de novo character of the CAS arbitration proceedings and the procedural rights granted therein."*
>
> *Therefore, the Panel cannot agree with the appellant club that the sanction amounted to a breach of the audi alteram partem principle, as the club had means to challenge the imposition of said sanction, yet failed to do so.*

16. Jirriżulta illi, wara d-deċiżjoni tal-25 ta' Mejju 2025 tal-Bord tal-Appell illi kkonfermat d-deċiżjoni tal-Awtorita', u għalhekk l-iskwalifika, kemm ta' Nigel Sant kif ukoll tar-riżultati minnu ottjenuti, bit-tnaqqis konsegwenzjali tal-punti lill-Birgu Regatta Klabb, fid-29 ta' Mejju 2025, ġie intavolat il-Mandat ta' Inibizzjoni odjern.

**Ikkunsidrat**

17. Il-Qorti tibda billi tistqarr illi l-Mandat ta' Inibizzjoni, kif redatt, ftit li xejn jagħti indikazzjoni x'inhuma r-raġunijiet l-għala tali Mandat ta' Inibizzjoni għandu jiġi milqugħ b'mod definittiv.

18. Madanakollu, fit-trattazzjoni, l-abbli difensuri tal-Klabb rikorrent indikaw illi l-ilment tagħhom kien dovut għal fatt illi, l-ewwel u qabel kollox, huma ma kinux ingħataw dritt li jressqu l-każ tagħhom quddiem l-Awtorita', u t-tieni, illi l-isport prattikat minn Nigel Sant, ossija dik tal-qdif, kellu jitqies bħala '*team sport*' u mhux '*individual sport*', kif erronjament meqjus mill-Awtorita'.

19. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi filwaqt illi l-intimata Għaqda rrimettiet għad-deċiżjoni finali ta' dina l-Qorti, l-intimati l-oħra, apparti milli saħqu illi d-deċizjoni kienet waħda leġittima, ikkontendew illi huma qiegħdin hemm biex jippromwovu l-isport f'Malta lil hinn minn kull abbuż, u stqarrew li tali proċeduri kienu intiżi biss sabiex jiddelungaw il-proċess mingħajr bżonn.

20. Dwar il-meritu tal-Mandat odjern, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-Klabb rikorrent ma ressaq ebda prova sabiex jindika, fuq bażi *prima facie*, x'kienu l-penalitajiet illi setgħet issofri l-Klabb riżultat ta' tali deċiżjonijiet, u wisq anqas x'kien il-preġudizzju

irrimedjabbli illi kienet ser issofri f'każ illi d-deċiżjonijiet jiġu attwati mill-Għaqda intimata.

21. Jirriżulta wkoll, kif irrilevat mill-Bord tal-Appell suċċitat, illi l-Qorti ma ngħatat ebda indikazzjoni jekk l-ilment tal-Birgu Regatta Klabb kienx ittieħed jew ser jittieħed quddiem il-Court of Arbitration for Sport, fejn il-Klabb seta' jressaq l-ilment tiegħu dwar dak minnu ilmentat quddiem dina l-Qorti.

22. Hawnhekk, il-Qorti tagħmilha ċara illi d-deċiżjoni tagħha hija waħda ta' natura *prima facie* u triq titqies fuq bażi oġġettiva u mhux soġġettiva, u għalhekk jispetta lil min jiltob il-ħruġ ta' mezz straordinarju bħalma huwa Mandat ta' Inibizzjoni, illi jassikura illi jressaq provi, argumentazzjonijiet u dokumentazzjonijet biżżejjed biex jipprova l-ilment tiegħu fuq bażi *prima facie* – il-Klabb rikorrent, fil-każ odjern, naqas milli jagħmel dan.

23. Fin-nuqqas ta' tali provi u indikazzjoni, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni illi l-Klabb rikorrent għandu dritt *prima facie*, u lanqas jekk huwiex ser isofri preġudizzju irrimedjabbli, u għalhekk it-talba ser tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni Finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u semgħet is-sottomissjonijiet orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fid-29 ta' Mejju 2025 billi:

**Tirrevoka**, *contrario imperio*, id-digriet tagħha tat-29 ta' Mejju 2025, u qiegħda:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt mir-rikorrenti Birgu Regatta Klabb.

Spejjeż għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**